## Tislima lill-Furjaniżi
Kummenti ta' Oliver Friggieri

Bħall-Furjaniżi kollha jien inħossni kburi u ferħan li twelidt u trabbejt f'dan is-subborg tant sabiħ. Sa minn tfuliti ili nikteb, u jien u nikteb dejjem feġġet quddiemi l-ħajja Furjaniża, bl-ambjenti tagħha. Fir-rumanzi tiegħi kollha kont imnebbah mill-inħawi Furjaniżi ta' kull naħa, mill-Furjana qrib il-Port, fejn twelidt, sal-Furjana ta' Balzunetta, fejn trabbejt u għext għal żmien twil. Meta bdejt nikteb ir-rumanz It-Tfal Jiġu bil-Vapuri sibt ruħi npinġi lill-Furjana ta' tfuliti, kif kont għamilt ukoll fir-rumanz ta' ftit qabel, Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ, rakkont dwar il-ħajja f'Balzunetta tas-snin ħamsin u sittin.

Hekk ukoll, aktar tard, fir-rumanzi La Jibbnazza Niġi Lura u Dik id-Dgħajsa f'Nofs il-Port, fraħt u bkejt jien u npingi bir-reqqa l-atmosfera tal-Port il-Kbir, mimli ħajja, dgħajjes u bastmenti u nies matul il-jum kollu. In-novelli tal-ktieb Stejjer għal Qabel Jidlam huma wkoll ambjentati fil-Furjana. Ma hemmx għalfejn ngħid li fil-kitba tal-ktieb tat-tifkiriet, Fjuri li ma Jinxfux, il-Furjana kienet dejjem hemm, u fil-fatt il-volum fih ħafna deskrizzjonijiet Furjaniżi tas-snin ħamsin u sittin u sebgħin.

Mingħajr il-Furjana ma kontx inkun kittieb, u matul dawn is-snin kollha kienu l-Furjana u n-nies tal-Furjana li ispirawni f'kulma ktibt. Inħossni kburi li llum li dawn il-kotba ġew maqlubin f'diversi lingwi, u ġew maħruġin f'diversi pajjiżi, l-isem tal-Furjana ħareġ hu wkoll 'il barra minn pajjizna.

Insellem minn qalbi lill-Furjaniżi, ta' llum kif ukoll lil dawk ta' żminijiet imgħoddija. Nirringrazzjahom għall-apprezzament kbir li dejjem sibt mingħandhom. Fihom sibt il-ħila biex bnejt ir-rumanzi tiegħi. Kienu huma li ispirawni. F'dan L-Innu tal-Furjaniżi fittixt li nesprimi dan kollu. L-Innu għadu ma ġiex immużikat. Qiegħed nippubblikah hawn għall-ewwel darba għalkemm ilu miktub diversi snin. Għad jonqsu li jkun immużikat.

**L-INNU TAL-FURJANIŻI**

Hawn qtajna l-ewwel fjuri ta' tfulitna,
Hawn ġrejna mifluġin wara l-ballun,
Hawn xtaqna l-ewwel xewqa ta' żgħożitna,
Hawn fhimna l-ferħ, hawn fhimna l-ferħ xi jkun.

F'dir-roqgħa t'art imdawra fuq kull naħa
Bis-swar u l-ġonna rajna lil xulxin,
U ftehemna li bħal aħwa nibqgħu ngħixu
Kif għexna meta konna tfal ċkejknin.

*Ritornell*: Itiru s-snin minn fuqna, Furjaniżi,
Jitbiddel kollox u kulħadd maż-żmien!
It-tfal ta' lbieraħ saru rġiel u nisa,
Ma jibqa' ħadd, ma jibqa' xejn kif kien.

Kemm tbiddlu wċuħ, kemm għebu, kemm ġew ġodda,
Biex xorta bqajna nagħrfu lil xulxin!
U bqajna miexja t-triq li bdejna darba,
U bqajna ġemgħa waħda magħqudin.

Hawn kienet il-benniena ta' xortina,
Hawn l-ewwel logħob, u l-ewwel alfabett,
Hawn rajna l-ewwel tajra tmiss is-sema,
Hawn tirna magħha 'l fuq qisna farfett.

Il-Mall u Fuq il-Fosos, Balzunetta,
L-Argotti, Taħt il-Forka, Wara s-Sur,
Il-Kappuċċini, Triq Sant'Anna, ix-Xagħra,
Il-Biskuttin u Triq il-Miratur.

Ritornell: Itiru s-snin minn fuqna, Furjaniżi,
Jitbiddel kollox u kulħadd maż-żmien!
It-tfal ta' Ibieraħ saru rġiel u nisa,
Ma jibqa' ħadd, ma jibqa' xejn kif kien.

Kemm tbiddlu wċuħ, kemm għebu, kemm ġew ġodda,
Biex xorta bqajna nagħrfu lil xulxin!
U bqajna miexja t-triq li bdejna darba,
U bqajna ġemgħa waħda magħqudin.

Hawn xtaqna l-ewwel xewqa ta' tfulitna,
Hawn ħlomna l-ewwel ħolma tal-futur,
Hawn kbirna ferħanin u rajna d-dinja
Tidħqilna ta' kuljum u ddur u ddur.

Fl-iskola daħlu wrajna t-tfal il-ġodda,
U ħriġna biex ma nerġgħu nidħlu qatt,
Iżd'għadna nħarsu lura w it-tagħlima
Li ħadn' hemmġew ma nessihielna ħadd.

*Ritornell*: Itiru s-snin minn fuqna, Furjaniżi,
Jitbiddel kollox u kulħadd maż-żmien!
It-tfal ta' Ibieraħ saru rġiel u nisa,
Ma jibqa' ħadd, ma jibqa' xejn kif kien.

Kemm tbiddlu wċuħ, kemm għebu, kemm ġew ġodda,
Biex xorta bqajna nagħrfu lil xulxin!
U bqajna miexja t-triq li bdejna darba,
U bqajna ġemgħa waħda magħqudin.




*Ġabra ta' Kotba miktuba mill-Professur Oliver Friggieri.*